MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Numru. 52/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**David Xuereb**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta ta’ l-Erbgha 10 ta’ Dicembru, 2014**

Kumpilazzjoni Numru: 52/2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Xuereb detentur ta' karta ta' identita' 42873M talli :

1. Nhar id-19 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar gewwa Sliema, ikkommetta serq ta' Lap-top li jiswa aktar minn 700 Ewro ghad-dannu ta' Chantel Nicole Xuereb Mulvaney detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 460378M; liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-2,329.37Ewro, bil-Lok u bil-Mezz, skond l-artikoli 269(g), 279(a), 264(1) tal-Kap 9 tal-Ligi ta' Malta;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ghamel reat ta' natura volontarja bi ksur ta' obbligazzjoni ghas-sigurta' ta' persuna u biex tinzamm il-bon-ordni skond l-artikolu 383(1) tal-Kodici Kriminali ffirmata minnu nhar 16 ta' Marzu 2011 quddiem il-Qorti tal-Magistrat A.G. Vella LL.D;

3. kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv skond diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula skond artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. kif ukoll talli fl-istess cirkustanzi bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-Ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu igieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil xi hadd jesegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu u cioe' lil Chantelle Nicole Xuereb Mulvaney billi b'xi mod indahlilha fi hwejjigha u cioe' ippussa ruhu mil-Laptop taghha;

5. ukoll talli fl-istess cirkostanzi dahal gewwa fond nru 11, St. Joseph Triq Leone, Sliema permezz ta' ksur ta' l-artikolu 330(a) tal-Kap 9.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(1)(3) u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikolu 387 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 85 u 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(v) Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li wettaq ir-reati ta' serq aggravat, ragion fattasi u li wettaq reat ta' natura volontarja bi ksur ta' obbligazzjoni ghas-sigurta' ta' persuna.

Illi l-imputat u l-parte leza kienu mizzewgin u fiz-zmien ta' l-incident kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni li mill-atti jirrizulta li ma kienu xejn sereni anzi bil-kuntrarju kienu karatterizzati minn incidenti. Huma ghandhom tlett itfal.

L-Ispettur Saviour Baldacchino[1] xehed li fid-19 ta' Novembru 2011 l-imputat mar jirrapporta l-ghassa tas-Sliema li huwa mar jigbor lit-tfal tieghu ghall-access gewwa r-residenza f'Tas-Sliema, beda jpaqpaq bhas-soltu biex it-tfal jinzlu u huma ma nizlux. Ghalhekk mar biex jiccekkja, sab il-bieb miftuh u dahal. Dan jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[2] fejn l-istess imputat stqarr li meta dahal gewwa ha laptop ahmar li jappartjeni lil martu u tahulha ftit granet wara. L-imputat qal li huwa hadilha l-laptop biex jimpika maghha u biex jiehu xi informazzjoni minnu.

Fl-istess gurnata l-genituri tal-parte leza marru jirrapportaw fl-istess ghassa meta huma ccekkjaw fir-residenza matrimonjali ta' binthom u l-imputat sabu laptop nieqes. Gie allegat ukoll min-naha tal-kwerelanta li l-bieb kien sgassat.

Il-parte leza[3] xehdet li l-uniku oggett li kien nieqes kien il-laptop u li ghalkemm hija ma semmitx ismijiet mal-Pulizija pero' kien ovvju li l-laptop huwa sors ta' informazzjoni ghall-persuna. Hija kkonfermat li l-

[1] Seduta ta' l-20 ta' Gunju 2012
[2] A fol 6 et seq tal-process
[3] Seduta ta' l-20 ta' Gunju 2012

laptop gie ritornat u dan wara li kellhom kaz bejniethom u ma kienx hemm insistenza min-naha taghha biex l-imputat jehel detenzjoni. Hija xehdet ukoll li l-laptop tahulha huha (li meta xtrah f'Dicembru 2007 kien jiswa €1, 700) xi sena u nofs wara li hija sseparat de facto minn ma' zewgha. Xehdet ukoll li l-imputat kellu access ghat-tfal is-Sibt u l-Hadd u hija kienet baghtitlu email il-Gimgha biex tinfurmah li t-tfal kienu se jkunu ghand ommha u biex jigborhom minn ghand il-genituri taghha. F'seduta sussegwenti hija ezebit ukoll ritratt tal-bieb li skontha jipprova li kien hemm sgass.

PC149 Jesmond Abela[4] xehed li meta huwa mar fuq il-post sab il-bieb miftuh u l-imputat kien faccata tar-residenza. Ix-xhud ittawwal gewwa, ghajjat lit-tfal u ma rrisponda hadd, gibed il-bieb u ghalqu. Mieghu kien hemm ukoll il-genituri tal-parte leza u qalilhom biex ibiddlu s-serratura ghax kienet antika u biex tifthu ma kienx hemm bzonn ta' hafna sahha. Fuq il-bieb kien hemm grif mis-serratura 'l isfel. Muri r-ritratti ezebiti mill-parte leza x-xhud qal li meta mar fuq il-post ma kienx hemm dawk id-daqqiet kollha fuq il-bieb.

L-imputat ghazel li jixhed[5] f'dawn il-proceduri. Huwa xehed li l-laptop kien juzah kulhadd inkluz huwa u qal li kien tahulhom hu l-mara. L-imputat jixhed li huwa ha l-laptop bl-intenzjoni li jikseb xi informazzjoni u mhux biex jaghmel xi qliegh. Huwa ried ikun jaf kif kienu sejrin it-tfal ghaliex ma kinitx qed tinghatalu informazzjoni. Huwa cahad li sgassa l-bieb izda qal li l-bieb jismen u s-serratura ma kinitx ezatt u gieli cemplulhom girien ighidulhom li l-bieb kien miftuh. In kontro-ezami huwa xehed li minn mindu ma baqax ighix fid-dar ma kienx jidhol bic-cavetta izda kienet tiftahlu l-mara.

4 Seduta tas-17 ta' Ottubru 2012
5 Seduta tat-13 ta' Jannar 2014

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-imputat ha l-laptop minn dik li kienet ir-residenza matrimonjali liema laptop kien fil-pussess ta' martu billi huwa ma kienx ghadu jirrisjedi f'dik id-dar. L-imputat ha l-laptop minghajr il-kunsens ta' martu. Dak li jrid jigi deciz huwa jekk il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadrawx ruhhom fir-reat ta' ragjon fattasi jew fir-reat ta' serq.

Hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Samuel Schembri et**[6]

*"Illi dwar l-elementi tar-reati ta' serq u faggjon fattasi, u d-differenza f'l-element intenzjonali f'dawn iz-zewg reati sar ezami approfondit mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs John Galea et*[7]*. Wara li dik il-Qorti rriaffermat li l-elementi materjali tar-reat ta' serq huma il-contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, dwar il-hames element u cioe dak intenzjonali qalet hekk:*

*... kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara "il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."Il-Professur Sir Anthony Mamo jispjega hekk: "The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...." Il-Professur Mamo izid jelabora "..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because*

[6] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-16 ta' Gunju 2014
[7] Deciza 30 ta' Jannar 2003

*he restores the thing) ... the crime of theft juridically continues to subsist , inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases". Pero l-istess awtur ikompli jghid li: "The "animus lucrandi" is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right , in which case you may have in appropriate circumstances , the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code" L-istess jghid MAINO: "Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi di un danno, o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche' controverso, esula dal fatto, per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell'articolo in esame, l'imputabilita' a titolo di furto."u "Ricorrendo gli altri estremi voluti dall'art 235 cod. pen. , non sara' dunque applicabile il-titolo di furto, ma quallo di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto; e cio' perche' in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto, sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno."*

..... ..... ......

*Illi mbaghad, kif gie ritenut minn din il-Qorti, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ragjon fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap.9 huma erbgha u cioe'*

*a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;*

*b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;*

*c) il-koxjenzja fl-agent li hu qed jaghmel "di proprio braccio" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika ; u*

*d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi."*

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghal-kaz in ezami huwa car li l-agir ta'l-imputat jista' jinkwadra ruhu fir-reat ta' ragjon fattasi u mhux ta' serq. Ex admissis meta l-imputat qabad u ha l-laptop huwa ghamel

dan ghaliex ried jiehu minnu informazzjoni li ppretenda li kellu jinghata minghand martu izda li huwa jsostni li ma kinitx qeghda tinghatalu.

Ghaldaqstant l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax u in vista li huwa mhux qieghed jinstab hati li kkommetta r-reat ta' serq allura lanqas l-artikolu 289 tal-Kap 9 ma jista jsib l-applikazzjoni tieghu f'dawn il-proceduri.

Illi ladarba l-imputat qieghed jinstab hati li kkommetta r-reat ta' ragion fattasi u anki tal-hames imputazzjoni jsegwi wkoll li l-imputat kiser l-obbligazzjoni ghas-sigurta' tal-persuna tal-parte leza skont l-artikolu 383(1) iffirmata minnu fis-16 ta' Marzu 2011 u li kienet ghal zmien sena ghall-ammont ta' €700.

Illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali l-imputat jinsab ukoll addebitat li huwa recediv a tenur ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Illi mis-sentenzi ezebiti in atti li ghandhom il-konnotati jikkombacjaw ma' ta' l-imputat odjern dan l-addebitu gie wkoll ippruvat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(1)(3) u 279(a), 387, 85, 330, 49, 50, 289, 17 u 31 ilkoll tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni u Ghaldaqstant tilliberah minnhom, issib lill-imputat hati tat-tieni, tar-raba' imputazzjoni cioe' tar-reat ta' ragion fattasi u tal-hames imputazzjoni kif ukoll li huwa recediv a tenur ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal multa ta' tlett mitt Euro (€300). Inoltre' bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 387 tal-Kap 9 qeghda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' seba' mitt Euro (€700). L-imputat ghandu zmien sena millum sabiex ihallas il-multa u s-somma

konfiskata. Tali ħlas għandu jsir f'pagamenti mensili kull l-aħħar tax-xahar liema ammonti huma konvertibbli fi prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' ħlas anki ta' pagament wieħed biss.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------